MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 60/2011

**Olaf Cini**

**-vs-**

**Ir-Repubblika ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ippresjeduta mill-Onor. Imħallef Michael Mallia tas-16 ta' Lulju, 2010 fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Supt. Carmelo Bartolo) vs Olaf Cini"** (Appell Kriminali Numru. 435/2009), dina l-Onorabbli Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2009, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-

Ewwel akkuża, mhux ħati tat-tieni akkuża ta’ malafama, *stante* nuqqas ta’ kwerela da parti ta’ Mario Camenzuli, li minnha lliberatu, mhux ħati tat-tielet u r-raba’ akkuża *stante* li dawn l-akkużi ġew irtirati mill-Avukat Ġenerali, ħati tal-ħames akkuża, u wara li rat l-artikoli 101 (l)(b), 109, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannatu għal disa’ (9) xhur priġunerija u ordnat l-interdizzjoni ġenerali tal-appellant għal perjodu ta' ħames snin, inkluż interdizzjoni li l-appellant iservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja u bħala perit f'kull każ li jkun.

Illi din il-piena ġiet akkordata wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-appellant, is-serjeta’ tal-akkużi dedotti kontra tiegħu.

Illi l-esponenti kien ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-31 ta’ Marzu 1999, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, u ċjoe’ lis-Surġent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli, akkuża lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, u ċjoe’ attentat vjolenti għall-pudur, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innoċenti, liema akkuża falza kienet ta’ delitt, suġġett għal piena akbar mill-piena ta’ priġunerija għal żmien sentejn, u wkoll talli f’dawn il-Gżejjer, matul il-perijodu ta’ bejn l-14 ta’ Marzu 1999, u x-xahar ta’ wara din id-data, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta’ xi ħadd, u ċjoe’ tas-Surġent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli, weġġgħu bi kliem, ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor, liema nġurja saret b’kitba, b’figuri, jew b’disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku;

Illi huwa akkużat ukoll talli f’dawn il-Gżejjer, nhar il-31 ta’ Marzu 1999, bil-qerq ħalaq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu ’l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, u ċjoe’ s-Surġent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli bil-ħsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta’ reat.

Illi l-esponenti ġie akkużat ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-31 ta' Marzu 1999, iddenunzja lil Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq, ħalaq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar u akkużat ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanzi, sar reċediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li nstab ħati mill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tat-18 ta' Novernbru, 2009 sabet lill-appellant ħati tal-Ewwel akkuża, mhux ħati tat-tieni akkuża ta' malafarna, *stante* nuqqas ta' kwerela da parti ta' Mario Camenzuli, li minnha lliberatu, mhux ħati tat-tielet u r-raba' akkuża *stante* li dawn l-akkużi ġew irtirati mill-Avukat Ġenerali, ħati tal-ħames akkuża, u wara li rat l-artikoli 101(1)(b), 109,49 u 50 tal-Kap, 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannatu għal disa' (9) xhur priġunerija u ordnat l-interdizzjoni Ġenerali tal-appellant għal perjodu ta' ħames snin, inkluż interdizzjoni li l-appellant iservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja u bħala perit f'kull każ li jkun. Din il-piena ġiet akkordata wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-appellant, is-serjeta' tal-akkużi dedotti kontra tiegħu.

Illi permezz ta' rikors tal-appell minnu ppreżentat fis-27 ta' Novembru, 2009, l-esponenti talab li l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabitu mhux ħati tat-tieni akkuża, t-tielet akkuża u r-raba' akkuża u lliberatu minnhom, filwaqt li tħassaraha u tirrevokaha in kwantu din sabitu ħati tal-Ewwel akkuża u l-ħames akkuża u teħilsu u tilliberah minnhom.

Illi l-aggravji tal-esponenti appellant fil-qosor, kienu s-segwenti, u ċjoe':-

1. Illi l-Ewwel aggravju jirrigwarda l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti li għazlet li temmen il-

verżjoni li tal-allegat vittma Mario Camenzuli u aċċettat id-depożizzjoni kollha tiegħu minkejja li kien evidenti illi kien hemm xi gideb sfaċċat f'din il-verżjoni, li ħarġu mid-depożizzjonijiet li taw xhieda oħrajn. Għalkemm b'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti, hija nnotat dawn il-gideb fis-sentenza tagħha u ben tajjeb osservat illi dawn il-fatti kif poġġihom Mario Camenzuli, difatti ma jaqblux mal-fatti dokumentati, fil-fehma tal-appellant l-istess Qorti ma tathomx l-importanza li jistħoqilhom iżda kemm biss indikathom. Dawn il-fatti huma importanti ħafna u dan peress illi jitfgħu dubju fuq ix-xhieda tal-ex Surġent tal-Pulizija Mario Camenzuli.

2. Illi t-tieni aggravju jsegwi u jirrigwarda l-apprezzament ta' provi. Għalkemm b'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti huwa ċar li din innotat dak kollu li qalu x-xhieda kollha li xehdu quddiemha fil-fehma tal-appellant ma wiżnitx kulma qalu dawn ix-xhieda b'mod li tkun konvinta li l-każ ġie ppruvat bla ebda dubju dettat mir-raġuni. Omm l-akkużat li xehdet bħala xhud in difeża rrakkontat dak li seħħ qabel ma saret is-safra għal Ġinevra. Dak li xehdet din ix-xhud Elvira Cini jitfa' dawl fuq l-atteġġjament ta' Mario Camenzuli u jikkorrobora dak li xehed u dejjem sostna l-akkużat.

3. It-tielet aggravju jirrigwarda l-fatt illi anke kieku kellha din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni ta' ħtija li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet tapplika piena alternattiva għal priġunerija, u ċjoe' fiċ-ċirkostanzi setgħet tapplika l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u b'hekk tagħtih ordni ta' *probation*. In vista ta' dan u tal-fatt li l-appellant għal dawn l-aħħar sentejn għandu mpjieg stabbli, l-piena ta' priġunerija nflitta fuqu aktar hemm ċans li tkun ta' dannu milli ta' ġid u tista' anke tkun il-kaġun tat-telfien tal-impjieg tiegħu.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat illi dana huwa appell dwar l-apprezzarnent tal-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti, liema Qorti li rrimarkat illi kien hemm dubju u anki xi gideb minn xi xhieda pero' tat aktar piż lil xhieda li ġabet il-prosekuzzjoni u warrbet dak tad-difiża. Jekk l-Ewwel Qorti kellha dubju allura dana kellu

jmur favur l-appellant u mhux kontra tiegħu. L-abbli Avukat tal-appellant filwaqt illi rrikonoxxiet illi *stante* n-natura ta' dawn ir-reati u r-reċidiva ma setgħetx tiġi applikata s-sentenza sospiża, dejjem setgħet tapplika r-regolamenti tal-artikolu 7 tal-Kap. 446. Spjegat ukoll illi l-appellant ilu sentejn f'impjieg stabbli u l-piena ta' ħabs kienet tkun detrimentali għalih.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali *inoltre* kkunsidrat illi huwa ben not li x-xiehda ta' persuna waħda, jekk emmnuta, tista' tkun biżżejjed sabiex il-Qorti ssib ħtija u wara li fliet l-atti tal-proċess speċjalment is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tasal għall-konklużjoni illi l-Ewwel Qorti ma bbażatx id-deċizjoni tagħha fuq xiehda ta' persuna waħda, iżda rat l-assjem tal-provi kollha nkluż ix-xiehda tal-akkużat sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal dak illi qalet l-Ewwel Qorti fejn, iddikjarat il-verżjoni tal-imputat bħala waħda mhux kredibbli, in vera simili u li m'għandhiex mis-sewwa a tenur tal-artikolu 639 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni meta kellha lill-imputat quddiemha jagħti x-xiehda tiegħu u setgħet tqis, mhux biss ix-xiehda imma anki l-komportament tiegħu, bhal ma qieset il-komportament tal-persuni l-oħra illi taw xiehda f'dawn l-atti. Fil-fatt l-Ewwel Qorti qieset u kkunsidrat ix-xhieda kollha kif is-sentenza ben tindika.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi m'għandha l-ebda dubju li l-parametri tal-Ligi ġew osservati bħalma ġie osservat il-prinċipju tal-ġustizzja naturali fejn l-Ewwel Qorti tat kull opportunita' lill-appellant u lid-difiża sabiex iressqu l-każ tagħha mingħajr xkiel la fl-ispazju u lanqas fiż-żmien. Dana wassal biex l-Ewwel Qorti tat sentenza elaborata u motivata sew, fejn ma jitħalla l-ebda dubju dwar l-argumenti li wassluha għall-konklużjoni tagħha. L-Ewwel Qorti kellha kull ragun illi tiskarta r-regolamenti tal-Kap. 446 u la ma setgħetx tapplika sentenza sospiża għamlet sew illi tat sentenza ta' priġunerija effettiva ladarba kienet fil-parametri tal-Liġi. Fuq dan ma hemmx diskussjoni.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali stqarret illi kellha diversi okkażjonijiet sabiex tippronunzja ruhha dwar l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, liema provi (*recte* apprezzament) ma jiġux disturbati jekk jirriżulta li setgħu raġjonevolment u legalment jingħataw fl-isfond tal-provi illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha. Fil-kawża **"Il-Pulizija vs Carmelo Schembri"** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 t'April, 1995 il-Qorti qalet *"hu*
*prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni illi waslet għaliha. Fi kliem ieħor il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni (recte diskrezzjoni) fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha".*

Illi l-Ewwel Qorti kienet għamlet apprezzament approfondit u fuq il-provi li kellha quddiemha setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni illi tasal għaliha u għalhekk mhux il-każ illi l-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti jiġi disturbat Jew mibdul b'apprezzament ieħor ta' din il-Qorti.

Illi għal dawn il-motivi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qatgħet u ddeċiediet illi tiċħad l-appell u kkonfermat s-sentenza appellata.

Illi fi proċeduri suċċessivi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ppresjeduta rnill-Maġistrat Dr. Edwina Grima fl-isrnijiet **"Il-Pulizija (Spettur Ivan Cilia) vs Olaf Cini"** fis-26 ta' Awissu, 2010, dina l-Onorabbli Qorti rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Olaf Cini, u ċjoe' talli f'Lulju 2010 u fix-xhur ta' qabel,

f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'meżżi kontra l-liġi Jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, Jew ta' kwalifiki foloz, Jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, Jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, Jew ta' ħila Jew setgħa fuq ħaddieħor Jew ta' krediti mmaġinarji, Jew sabiex iqanqal tama Jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Caroline Barthet.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, approprija ruħu, billi dawwar bi profit għalih Jew għal persuna oħra s-somma ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Caroline Barthet, liema somma ġiet fdata Jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, b'meżżi kontra l-liġi Jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, Jew ta' kwalifiki foloz, Jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, Jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, Jew ta' ħila Jew setgħa fuq ħaddieħor Jew ta' krediti mmaġinarji, Jew sabiex iqanqal tama Jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad dannu ta' Mary Grace Galea.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, approprija ruħu, billi dawwar bi profit għalih Jew għal persuna oħra s-somma ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Mary Grace Galea, liema somma ġiet fdata Jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa Jew li jsir użu minnha speċifikat.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, b'meżżi kontra l-liġi Jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, Jew ta' kwalifiki foloz, Jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, Jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, Jew ta' ħila Jew setgħa fuq ħaddieħor Jew ta' krediti mmaġinarji, Jew sabiex iqanqal tama Jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Gustav Gysler.

6. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, approprija ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra s-somma ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Gustav Gysler, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

7. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad dannu ta' Godfrey Formosa.

8. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad dannu tal-kumpanija Vodafone.

9. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta'

kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta’ mija u tmenin Ewro (€180) għad-dannu ta’ Roderick Galea.

Illi kif ukoll talli sar reċidiv *ai termini* tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li ġie kundannat b’diversi sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara illi rat id-dokumenti esebiti u semgħet lill-imputat jammetti l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet rijaffermata wara li l-imputat ingħata żmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess u wara li kkunsidrat illi fid-dawl tal-ammissjoni magħmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu;

Illi meta ġie biex tikkonsidra l-piena li għandha tiġi inflitta l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ħadet in konsiderazzjoni (l-ammissjoni)
magħmulha mill-imputat fl-istadju bikri tal-proċeduri imma u ma setgħetx tinjora l-fedina penali pjuttost voluminuża tal-imputat u għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 308, 309, 310(1 )(a), 49, 50 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabet lir-rikorrenti ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta’ erba’ (4) snin priġunerija.

Illi l-esponenti jħoss illi f'dawn iż-żewġ proċeduri ġew kommessi diversi rregularitajiet illi bħala riżultat illedew id-drittijiet tal-bniedem tiegħu.

Illi fl-ewwel lok, fil-kawża fl-ismijiet **“Il-Pulizija (Supt. Carmelo Bartolo) vs Olaf Cini”** (Appell Kriminali Numru. 435/2009), l-esponenti ġie akkużat b’reat ineżistenti. L-esponenti nstab ħati tal-ewwel akkuża illi bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, u ċjoe’ lis-Surġent tal-Pulizija

94 Mario Camenzuli, akkuża lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, u ċjoe' attentat vjolenti għall-pudur, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innoċenti, liema akkuża falza kienet ta' delitt. suġġett għal piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal zmien sentejn. Illi anke jekk wieħed jinsa l-fatt illi m'huwa minnu xejn illi l-esponenti qatt ma ppreżenta denunzja jew kwerala formali, il-fatti allegati jirrisalu għal żjara illi l-esponenti għamel l-Isvizzera akkumpanjat, fuq ordni tal-awtoritajiet ġudizzjarji, mill-imsemmi Surġent 94 Mario Camenzuli. Għaldaqstant, anke kieku l-esponenti għamel denunzja jew kwerala formali mal-Pulizija Ġudizzjarja, xorta ma setgħux jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-istess Surġent 94 Mario Camenzuli *stante* nuqqas ta' kompetenza. Jew jekk jittieħdu, tali proċeduri kienu jinkaljaw fuq l-iskoll tal-kompetenza tal-Qorti ta' din il-Gżira sabiex tipproċessa l-allegat reat.

Illi dana joħroġ minn qari akkurat tal-liġi u senjatament, il-Kap. 9. Illi fir-rigward tar-reat ipoteżżat, PS 94 Mario Camenzuli seta' jiġi akkużat taħt l-artiklu 207 tal-Kap. 9. Fil-każ *de quo*, il-piena kienet tiżdied bi grad *stante* illi ċ-ċirkostanzi kienu jaqgħu taħt il-proviso tal-artiklu 202 tal-Kap. 9. Illi madankollu peress illi tali attentat vjolenti għall-pudur tal-esponenti allegatament seħħ fl-Isvizzera, il-Qrati tagħna qatt ma kienu kompetenti illi jipproċessaw lill- imsemmi PS 94 Mario Camenzuli u dana *ai termini* tal-artikolu 5(1)(d) tal-Kap. 9. Għaldaqstant, l-esponenti qatt ma seta', l-anqas kieku ried, jipproċedi b'suċċess fil-konfront tal-PS 94 Mario Camenzuli fil-Qrati ta' dawn il-Gzejjer *stante* nuqqas ta' kompetenza.

Illi *di piu*, ir-reat *de quo* huwa wieħed illi fir-rigward ma jistgħux isiru proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata *ai termini* tal-artikolu 544 tal-Kap. 9. Ma saret l-ebda allegazzjoni illi tali attentat vjolent għall-pudur kien akkumpanjat bi vjolenza pubblika u għaldaqstant, il-Pulizija
Ġudizzjarja ma setgħetx tipproċedi fl-assenza ta' kwerela da parti tal-esponenti. Illi l-esponenti ma għamel l-ebda kwerela: kulma għamel kien illi fetaħ qalbu mas-Supretendent Carmelo Bartolo. Tant kemm dan hu l-każ

illi minħabba nuqqas ta' kwerela, l-esponenti ġie lliberat mit- tieni akkuża. Jidher illi l-konklużjoni loġika tan-nuqqas ta' kwerala da parti tal-esponenti, u ċjoe' illi fin-nuqqas tagħha, ma setgħux jinbdew proċeduri fil-konfront ta' PS 94 Mario Camenzuli anke kieku l-allegat reat seħħ f'Malta sfuġġew lil partijiet kollha fil-proċeduri u anke lill-Qrati illi ġġudikaw lill-esponenti. Għaldaqstant, ir-reat ipoteżżat fil-konfront tal-esponenti huwa ineżistenti għaliex PS 94 Mario Camenzuli qatt ma seta' jiġi akkużat b'attentat vjolenti għall-pudur tal-esponenti. L-aktar l-aktar, PS 94 Mario Camenzuli seta' jigi suġġett għall-proċedimenti dixxiplinarji imma mhux għall-proċeduri kriminali.

Illi huwa minnu illi dina l-Onorabbli Qorti m'hijiex tribunal ta' reviżjoni tat-tielet grad imma l-kompetenza tagħha hija esklussivament sabiex tissindika allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tipprovdi rimedju effettiv. Illi fil-każ odjern, l-esponenti qed jillamenta minn vjolazzjoni tal-prinċipju *inveterat nulla poena sine lege* li jinsab tutelat mill-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ġiet inkorporata fid-dritt tagħna permezz tal-kap. 319. Dana peress illi minħabba dan ir-reat ineżistenti kif intqal, ġie kkundannat għal disa' xhur ħabs, liema piena għandha tiġi mħassra u l-esponenti kkumpensat għaż-żmien li qattgħa l-ħabs minħabba tali kundanna.

Illi fir-rigward tat-tieni proċedura, l-esponenti wkoll sofra minn vjolazzjoni gravi tad-drittijiet tal-bniedem. Illi waqt li huwa kien il-ħabs minħabba l-kundanna fil-proċedura preċedenti, huwa ġie avżat illi l-għada kien ser jitressaq il-Qorti. Issa wieħed irid jiftakar illi l-kundanna msemmija ngħatat fis-16 ta' Lulju 2010 u l-esponenti spiċċa l-ħabs. Qabel kellu mpjieg stabbli li kien qed jippermettilu illi jħallas lill-kredituri tiegħu. Dan ma baqax aktar possibbli meta l-esponenti spiċċa l-ħabs. Il-Pulizija, b'alakrita' insolita imma wieħed irid jiftakar illi l-esponenti jismu Olaf Cini, ressquh il-Qorti fis-26 t'Awissu 2010 u akkużawh illi f'Lulju 2010 u fix-xhur ta' qabel għamel qliegħ għad-dannu ta' diversi persuni. Effettivament, dawn il-persuni kollha

kienu kredituri tal-esponenti li kienu qed jitħallsu. L-esponenti ma ngħatax żmien adekwat sabiex jipprepara d-difiża tiegħu. Inoltre, bi skjetezza inġenwa, huwa rrikonoxxa illi huwa kien id-debitur tal-persuni msemmija fl-att tal-akkuża. Meta tressaq il-Qorti, l-esponenti kien sprovvist minn għajnuna legali. Illi in vista tal-fatt illi huwa ma kellux problema jirrikonoxxi illi huwa debitur, huwa ma nsistiex illi jkollu għajnuna legali.  Imma dan il-fatt ma jiskolpax lil Qorti illi ppermettiet illi jsiru proċeduri ta' natura kriminali bl-akkużat sprovvist minn għajnuna legali, liema għajnuna kienet vitali sabiex l-esponenti jifhem l-import sħiħ tal-akkużi miġjuba kontrih.

Illi huwa minnu illi kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jippermettu illi akkużat jiddefendi ruħu imma tali għażla m'għandhiex tiġi permessa kapriċċjożament, speċjalment in vista tan-natura gravi tal-akkużi u l-assjem taċ-ċirkostanzi tal-każ *de quo*. Fil-fatt, il-Maġistrat li kienet qiegħda tippresjedi l-Qorti rrimarkat illi hija kienet taf dwar l-akkużat mill-universita'. Meta l-akkużat staqsiha x'riedet tgħid b'tali rimarka, ir-risposta kienet *"xejn, xejn"*. Illi m'huwiex f'loku illi maġistrat jgħaddi rimarka b'mod daqshekk leġġer illi timpinġi fuq l-imparzjalita' tiegħu u tpoġġi fid-dubju kemm l-akkużat kien qed jingħata smiegħ xieraq.

Illi agħar minn hekk, wara li ngħata s-sentenza drakonjana ta' erba' snin priġunerija, l-esponenti pprotesta mal-Ispettur Ivan Cilia u stqarr illi jrid jappella. Imma l-imsemmi Spettur Cilia qallu illi ma jistax jappella *stante* illi kien ammetta l-akkuża. Illi hawn hekk jidher ċar il-gravita tal-fatt illi l-esponenti kien nieqes minn għajnuna legali kif ukoll il-preżunzjoni tal-imsemmi Spettur Cilia illi ażżarda ta parir legali meta kjarament hu mhux legalment abilitat biex jagħmel hekk u
kien jew inkompetenti jew malinn fir-rigward. Dana peress illi appell seta' ġie ntavolat kontra s-severita' tas-sentenza minkejja dak li qal l-ispettur Cilia imma l-esponenti ġie żgwidat u naqas li jagħmel hekk.

Illi dan kollu juri l-akkaniment li hemm fil-konfront tal-esponenti illi mhux qiegħed jippretendi xi immunita' imma

illi jiġi trattat bħal kwalunkwe ċittadin komuni ieħor. Illi minħabba l-piena karċerarja li ngħata minħabba reat ineżistenti, huwa spiċċa mpossibilitat illi jħallas lill-kredituri tiegħu li pproċedew fil-konfront tiegħu balakrita insolita, liema proċeduri pprovokaw sentenza oħra ta' erba' snin priġunerija. Sentenza illi l-esponenti kien mingħalih li ma setax jappella qabel ma fittex għajnuna legali mingħand l-avukat sottoskritt.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti bil-qima jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha ssib illi l-intimati kisru d-drittijiet tal-bniedem tal-esponenti u senjatament l-artikolu 39(1), 39(6)(b) u 39(8) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6(1), 6(3)(b) u 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ġiet inkorporata fid-dritt tagħna permezz tal-Kap. 319 u tagħti dawk il-provvedimenti xierqa sabiex l-esponenti jiġi ri-integrat fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem tiegħu fosthom l-annullament tas-sentenzi msemmija kif ukoll kumpens finanzjarju għaż-żrnien illi hu jkun qatta' l-ħabs minħabba tali sentenzi hekk annullati jew kwalunkwe provvediment ieħor illi dina l-Onorabbli Qorti fiċ-ċirkostanzi jidhrilha xieraq.

Rat ir-risposta tal-intimati Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta u tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fid-29 ta' Settembru, 2011, li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari** r-"Repubblika ta' Malta" *per se* legalment ma tistax tkun il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrent u għalhekk għandu jiġi kjamat fil-kawza l-Avukat Ġenerali f'isem u in rapprezentanza tal-istess Repubblika ta' Malta a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fit-tieni lok u wkoll **in linea preliminari** l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar ksur ta' drittijiet fundamentali huma **frivoli u vessatorji** u qed isiru b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju in kwantu qed jitressqu għall-ewwel darba proprju issa, u ċjoe' aktar minn sena wara li ngħataw is-sentenzi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-**

**Pulizija (Supt Carmelo Bartolo) vs Olaf Ċini"** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju 2010, u mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Ivan Cilia) vs Olaf Ċini"** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 t'Awissu 2010. Huwa prinċipju stabbilit li *'the law does not protect those who sleep over their rights'*. Il-fatt illi fiż-żewġ kawżi msemmija r-rikorrent l-ewwel ħalla l-proċeduri kollha quddiem il-Qrati ordinarji jiġu konklużi, imbagħad qagħad jistenna u maż-żmien *"ħareġ mill-komma"* lanjanzi li allegatament huma ta' natura Kostituzzjonali jġib bħala konsegwenza illi t-tqanqil ta' dawk il-lanjanzi jkunu *"frivoli u vessatorji"*. Il-frivolu jew vessatorju jinkorpora mhux biss l-infondat u l-fieragħ (bħalma *del resto* għandu jirriżulta li hu dan il-każ), iżda wkoll it-tqanqil ta' argumenti, validi jew invalidi, b'mod intempestiv u b'mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntagħżlu biex jerġgħu jiftħu materja (primarjament it-tħassir tal-piena) li ormai hija *res judicata*.

Illi *inoltre* u wkoll **in linea preliminari** din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha taħt l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 *stante* d-disponibilita' ta' mezzi oħra xierqa ta' rimedju ordinarju li r-rikorrent kellu sabiex jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu. Effettivament l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-ewwel sentenza kontestata hu li l-akkuża kif ħarġet kontrih ma setgħetx treġi fin-nuqqas ta' kwerela; kif ukoll li fi kwalunkwe każ kien hemm kwistjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Qrati.

Illi dawn il-lanjanzi huma kollha ta' natura ordinarja li setgħu faċilment tqajmu quddiem il-Qorti kompetenti ordinarja u l-fatt li dan ma sarx ma jagħtix dritt issa lir-rikorrent li jlibbishom il-kappa ta' indole kostituzzjonali biex dak li ma qajjimx quddiem il-Qrati ordinarji jipprova jakkwistah mill-Qorti Kostituzzjonali.

Illi wkoll fir-rigward tat-tieni sentenza kontestata l-ilmenti tar-rikorrent odjern li kien sprovvist minn għajnuna legali u li konsegwentement ma setax jifhem il-konsegwenzi tal-

proċeduri kontrih *oltre* l-fatt li hu ġie allegatament svijat li ma setax jappella mis-sentenza ukoll m'humhiex ammissibbli bħala lanjanzi kostituzzjonali. Huma fl-ewwel lok proprju l-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu d-dritt li persuna tiddefendi lilha nfisha u għalhekk ir-rikorrent ma jistax issa jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu wara li hu <u>liberament</u> għażel li ma jkunx rappreżentat minn avukat u ammetta l-akkużi miġjuba kontrih. *Oltre* dan ir-rikorrent kellu xorta r-rimedju ordinarju li jikkonsulta ma' avukat biex jiġi gwidat jekk għandux jappella jew le *entro* t-termini tal-liġi. Ma jistax issa r-rikorrent jittanta jinqeda bil-proċeduri odjerni biex b'mod indirett iressaq "appell" mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi huwa prinċipju stabbilit f'katina ta' ġurisprudenza lokali li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma **jew kienu disponibbli** favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.

Illi fid-dawl tas-suespost jidher b'mod ċar u inekwivoku li r-rikorrent kellu mezzi xierqa u adegwati quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jivvanta l-pretensjonijiet li huwa qed iqajjem quddiem din il-Qorti kif preseduta u għalhekk m'hemm ebda lok biex din l-Onorabbli Qorti sservi ta' Qorti tat-tielet Istanza biex dak li r-rikorrent ma ppruvax jew ma rnexxielux jottjeni quddiem il-Qrati ordinarji jippriva jakkwistah minn din l-Onorabbli Qorti fil-vesti straordinarja tagħha.

Illi subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

<u>Illi dwar il-proċeduri fl-ismijiet: **"Il-Pulizija (Supt Carmelo Bartolo) vs Olaf Ċini"** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju 2010</u>

Illi l-esponenti jirribattu li b'ebda tiġbid ta' mmaġinazzjoni m'għandha din l-Onorabbli Qorti taċċetta l-interpretazzjoni gratuwita tar-rikorrent tal-inezistenza tar-reat li bih ġie akkuzat u tan-nuqqas ta' kompetenza tal-Qrati ordinarju biex jisimgħu l-każ kontrih.

Illi effettivament dak li realment ġara fil-kawża ċitata hu li l-Pulizija ħadet passi kriminali kontra r-rikorrent a bażi ta' rapport falz li l-istess Ċini kien irrilaxxja f'Malta lill-Pulizija volontarjament. *Inoltre* l-allegazzjonijet li għamel Ċini f'dan ir-rapport kienu jirreferu għal reati li allegatament saru fil-preżenza ta' terzi persuni u f'post espost għall-pubbliku u għalhekk kienu reati li dwarhom il-Pulizija kellha l-jedd bil-liġi li taġixxi u tinvestiġa *ex officio* mingħajr il-ħtieġa ta' kwerela da parti tar-rikorrent.

Illi *inoltre* u bla preġudizzju jingħad ukoll illi f'dan l-istess rapport (li huwa wieħed voluminuż, formali u esibit fl-atti tal-proċeduri kriminali u mhux sempliċiment ir-rikorrent *"jiftaħ qalbu"* mal-Ispettur kif qed jalleġa), Ċini xorta kien għamel kwerela verbali għax talab lill-Ispettur sabiex jinvestiga. Fil-fatt l-Ispettur kien investiga l-allegazzjonijiet u kien proprju bħala riżultat ta' dawk l-investigazzjonijiet li rriżulta li r-rapport magħmul minn Ċini kien wieħed falz u minn hemm skattaw il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Għal kull buon fini jiġi preċiżat li r-referenza tar-rikorrent għall-fatt li hu ġie liberat mit-tieni akkuża għax ma kinetx saret kwerela da parti ta' Mario Camenzuli (u allura bħal donnu r-rikorrent qed juża dan biex isaħħaħ l-argument tiegħu) l-esponenti jirribattu li Ċini ġie liberat biss peress li din it-tieni akkuża kienet qed tirreferi għall-akkuża ta' malafama, u l-malafama teħtieġ il-kwerela li veru rriżulta mill-atti proċesswali li ma kienx hemm; imma l-ewwel akkuża saret a bażi ta' rapport falz dwar reati *ex officio* li ma kienu fi kwalunkwe każ jiħtieġu ebda kwerela.

Għalhekk fid-dawl tas-suespost ma jista' jirriżulta ebda ksur tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

<u>Illi dwar il-proċeduri fl-ismijiet: **"Il-Pulizija (Spettur Ivan Ċilia) vs Olaf Ċini"** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 2010</u>

Illi l-allegati rregolaritajiet li skond ir-rikorrent seħħew f'dawn il-proċeduri kienu li r-rikorrent odjern kien sprovvist minn għajnuna legali u għax għażel li jirrikonoxxi li huwa debitur ma nsistiex li jkollu għajnuna legali. Donnu issa li jrid iwaħħal fil-Qorti li minkejja, dan ippermettiet li jitkomplew il-proċeduri kontrih mingħajr ma allegatament fehem l-import sħiħ tal-proċeduri kontrih. Ir-rikorrent jidher li issa wkoll qed jallega xi nuqqas ta' mparzjalita' da parti tal-ġudikant; kif ukoll li ġie allegatament żvijat mill-Pulizija li huwa ma setax jappella peress li kien ammetta l-akkużi.

Illi dwar dawn l-allegazzjonijiet l-esponenti jirribattu li fl-ewwel lok, jidher ċar, kif anke pruvat fl-atti tal-proċeduri in kwistjoni, li r-rikorrent volontarjament u mingħajr ebda pressjoni għażel li jammetti l-akkużi miġjuba kontrih u ppersista bl-affermazzjoni ta' din l-ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq u adegwat biex jirrikonsidra l-istess. Bl-ammissjoni tiegħu r-rikorrent konxjament assuma r-responsabbilta' tad-deċiżjoni tiegħu u għalhekk irrimetta ruħu għall-piena tal-Qorti.

Illi volontarjament ir-rikorrent għazel ukoll li ma jkunx assistit minn avukat u baqa' jinsisti fil-preżenza ta' dawk preżenti fis-seduta li ma kellux bżonn assistenza legali anke jekk il-Maġistrat spjegatlu l-konsegwenzi legali kollha tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi l-esponenti jiċħdu wkoll li kien hemm xi preġudizzju jew *bias* da parti tal-ġudikant kontra r-rikorrent la soġġettivament u lanqas oġġettivament. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati kienet ċara ħafna dwar liema kienu l-konsiderazzjonijiet li wassluha biex tagħti l-piena, liema piena kienet waħda nflitta fil-parametri prefissi mill-liġi.

Illi *inoltre*, dwar l-allegazjoni li hu ġie żvijat dwar il-possibbilta' ta' appell mill-Ispettur Ivan Cilia, l-esponenti jiċħdu bil-qawwa kollha din l-alleżazzjoni. U fi kwalunkwe

każ, u bla preġudizzju għal dak li għadhom kif ċaħdu, l-esponenti jirribattu li jekk sena wara li ġew konklużi l-proċeduri r-rikorrent sab il-ħin biex jikkonsulta ruħu ma' avukat, bl-istess mod ma kellu ebda mpediment biex immedjatament wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jfittex konsulta ma' avukat dwar possibbilta' ta' appell fit-termini tal-liġi.

Illi mis-suespost jidher ċar għalhekk li anke f'dawn il-proċeduri kontestati r-rikorrent utilizza d-dritt kostituzzjonali tiegħu a tenur tal-Artikolu 39 (6) (ċ) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 (3) (ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea sabiex jiddefendi lilu nnifsu *oltre* l-fatt li kif jirriżulta mill-atti quddiem l-istess Qotri tal-Maġistrati huwa kellu smiegħ xieraq minn Qorti ndipendenti u mparzjali.

Illi ma jeżisti għalhekk ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent a tenur tal-Artikoli 39 (1) u 39 (6) (b) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 6 (1) u 6 (3) (b) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Salvi eċċezjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza tagħa tat-28 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati;

Rat illi in konformita' ma' din is-sentenza, l-Avukat Ġenerali ġie notifikat bil-proċeduri u rrimetta ruħu għall-eċċezzjonijiet, a folio 12 tal-proċess;

Rat l-atti proċesswali.

Rat illi għalkemm ir-rikorrenti għal darbtejn ingħata l-opportunita' illi jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet huwa naqas illi jagħmel dan;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni hija li l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-Artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 *stante* li r-rikorrenti qed jadopera proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.

Illi din l-eċċezzjoni qed issir peress li r-rikorrent fir-rigward taż-żewġ lanjanzi tiegħu qiegħed jallega li ġew leżi d-drittjiet kosituzzjonali tiegħu fir-rigward ta' żewġ proċedimenti kriminali deċiżi t-tnejn li huma mill-Qorti tal-Maġistrati, u fiż-żewġ każi għalkemm huwa seta' naturalment jappella minn dawn minnhom huwa naqas li jagħmel dan. Allura l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors *ai termini* tal-proviso wara l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dak 4 (2) tal-Kap. 319.

Illi l-proviso indikat mill-intimati jgħid eżattament illi:

*"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra."* (**46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 jgħidu l-istess ħaġa).**

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

*“Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim Awla u kemm ta’ din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponidbbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għal- organi ġudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta’ llegalita’ jew ta’ ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta’ diskrezzjonalita’ tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*
*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero’ jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero’ dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta’ ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **“Philip Spiteri vs Sammy Meilaq”** (deċiża fit-8 ta’ Marzu 1995) qalet ukoll li *meta l-oġġett tal-kawża jkun ta’ natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f’xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju hlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni.* F’din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *komplessa* jiżdied il-kliem *jew inkella mħallta.*

Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrenti indubbjament kellu r-rimedju tal-appell disponibbli għalih u fiż-żewġ okkażjonijiet huwa għażel li ma jagħmilx dan. Għalkemm fit-tieni sentenza kontestat (**"Pulizija – Spettur Ivan Ċilia vs Olaf Ċini"**) huwa ukoll minnu li ma kellux assistenza legali, jirriżulta mill-provi li l-Maġistrat sedenti kienet wissietu li seta' jkollu assistenza legali iżda huwa liberament għażel li jammetti l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ma jkollux assistenza. *Oltre* dan dik ma kienitx l-ewwel darba li huwa kellu proċedimenti legali kriminali fil-konfront tiegħu u allura kien jaf is-sinifikat tal-proċedura li kienet għaddejja. Il-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni fil-każ in kwistjoni hija fondata u għandha tiġi akkolta. Wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu nvokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta jsemmu meżżi li *kienu disponibbli* u allura anke jekk kien hemm meżżi li *kienu* disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom disponibbli, il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. F'dan il-każ ċertament il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu nvestigati meta huwa ħalla x-xhur (kważi sentejn) jgħaddu qabel intavola dawn il-proċeduri meta kellu l-opportunita' javvanza l-lanjanzi tiegħu fi stadju ta' appell u din l-opportunita' ma ħadhiex.

Illi stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tikkunsidra l-eċċezzjonijiet l-oħra.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati u tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* tal-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319.**

**L-ispejjeż kollha jiġu sopportati mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------